# Czech Republic, Poland & Germany

## Prague-Krakow-Berlin

**INŻURU:** Prague, Karlovy Vary, Kutna Hora, Brno, Krakow, Auschwitz, Wadowice, Zakopane, Potsdam, Berlin.

**Mis-16 sa 27 ta' Lulju**

### IS-SIBT 16 TA' LULJU

Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta fis-14.00 għat-titjira KM 538 li ttir fl-16.00 u naslu Prague fis-18.30. Wara transfer bil-kowċ lejn il-Hotel Adria 4 star. Sistemazzjoni tal-kmamar.

### IL-ĦADD 17 TA' LULJU

**Prague**, ikollna **city tour** fejn naraw postijiet ta' nteress bħal Prague Castle, kumpless kbir ta' bini fost l-oħrajn hawn il-kastell ta' Vilius, il-bażilika ta' San Ġorġ u l-Palazz irjali. Inkomplu t-tour tagħna billi nżuru Kampa Island, Charles Bridge u l-Old Town Square imdawwar b' bini b'arkitettura diversa naraw l-Knisja Gotika ta' Our Lady before Tyn bil-kampnari tagħha għolja 80 metru, l-Astronomical clock li jinsab fit-Town Hall li hu tielet l-eqdem arloġġ astronomiku fid-dinja, Jan Hus Memorial eċċ... Dawk li jibbikjaw il-half board iċ-ċena tkun fil-hotelEskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Karlovy Vary** fil-Punent tal-Bohemia, fejn matul il- vjaġġ tagħna ser ikollna l'opportunita li nappreżżaw l-kampanja ta' din iż-żona sakemm naslu. Il-belt ta' Karlovy Vary tinsab f'wied tassew sabiħ. Flimkien mal-gwida nżuru l-knisja ta' Maria Magdalena, naraw il-famużi Spa Colonnades u l-funtani. Hawn magħruf ħafna għax-xogħol tal-kristall hu nsibu waħda mill-aqwa brands fid-dinja. Ma tistax tkun Karlovy Vary u ma dduqx il-famużi Wafers li huma tant delizzjużi, kif ukoll il-liquor tradizzjonali Becherovka u sintendi l-ilma naturali mineral springs. Nirritornaw lura l-hotel. Ċena fil- hotel

### IT-TNEJN 18 TA' LULJU

Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Kutna Hora**, UNESCO World Heritage Site. Mal-wasla tagħna jkollna city tour fejn naraw binjiet mill-isbaħ b'arkitettura fuq stil gotiku, rinaxximentali u barokk tal 15 –il seklu. Palazzi eleganti, Italian Court kif ukoll il katidral ta' St Barbara. Wara jkollna ħin liberu. Inkomplu l-eskurssjoni tagħna lejn Sedlec fejn inżuru l-bone chapel. Nirritornaw lura l hotel. Filgħaxija lejla Folkloristika bl-ikel u żfin tradizzjonali (extra).



### IT-TLIETA 19 TA' LULJU

Wara l-buffet breakfast nħallu Praga u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Krakow.** Iżda qabel nżuru **Brno** fejn se naraw postijiet ta' nteress bħal Špilberk Castle, il-Knisja ta' St. James, Old Town Hall li tinsab fil-parti medjevali ta' din il-belt tmur lura ghas-seklu 13 eċċ... Ikollna ħin liberu. Nitilqgħu Brno u naslu ġewwa Krakow. Sistemazzjoni tal-kmamar fil-Hotel Puro 4*.

### L-ERBGĦA 20 TA' LULJU

Wara li nieħdu l-buffet breakfast ikollna l-opportunita li nduru l-belt ta' **Krakow** fejn flimkien mal-gwida tal-lokal, naraw l-attrazzjonijiet prinċipali li nsibu ġewwa Krakow, li għal xi żmien kienet il-belt kapitali tal-Polonja. L-ewwel dokumentazzjoni li fiha tidher l-isem tal-belt li teħodna lura għas sena 965. Krakow beda bħala raħal żgħir fuq 'l għolja Wawel sa ma saret il-belt li fiha kienu jiġu nkurunati u midfuna r-rejiet Pollakki fis-sena 1978, il-UNESCO ddikjarat il-belt ta' Krakow bħala wirt dinji. Se nżuru fost oħrajn l-Old Town, ir- Royal Road, il-Kastell Wawel u l-Kazinierz (Old Jewish Quarter). Is-Sutheannice (clash hall), kif ukoll il-bażilika ta' Santa Maria fejn naraw il-famuż altar ta' Veit Stross. Wara jkollna ħin liberu għax-shopping u personal sightseeing.

### IL-ĦAMIS 21 TA' LULJU

Wara li nieħdu l-buffet breakfast, eskurssjoni mill-iżjed interessanti għal-**Auschwitz-Birkenau**, fejn flimkien ser nesperjenzaw wieħed mill-aktar postijiet memorabbli fl-istorja tal-Ewropa moderna. Illum se nżuru l-kampijiet ta' konċentrament t'Auschwitz – Birkenau; memorja qarsa ta' żmien l-Holokawst fejn miljuni ta' nies tilfu ħajjithom. Hawn naraw id-death national memorials, ir-railway track u l-fdalijiet ta' mijiet ta' barracks. Wara nibqgħu sejrin lejn il-**Wieliczka Salt Mines,** magħrufa wkoll bħala the under ground Salt Cathedral of Poland u l-aktar minjieri spettakolari fid-dinja. Flimkien mal-gwida tal-lokal inżuru l-minjieri fejn fiha nsibu diversi skulturi tal-melħ, kapelli żgħar fosthom waħda ddedikata lil Santa Kinġa u kuruturi twal madwar 300 kilometru. Dawn il-minjieri huma wkoll imniżżla fil-UNESCO First World List of Cultural and Natural Heritage. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

### IL-ĠIMGĦA 22 TA' LULJU

Skopri magħna l-ġmiel tal-Alpi tal-Polonja fejn se nżuru **Zakopane u Tatra Mountains**. Dawn il-muntanji jestendu mal-fruntieri ta' bejn il-Polonja u Slovakja u huma l-ogħla fost il-Carpathian Mountains. **Zakopane** huwa riżort magħruf ħafna għall-isking, fejn Sajf u Xitwa ikun hemm ħafna turisti jippassiġġaw fit-triq ewlenija Krupowski – triq mimlija cafes, ristoranti, boutiques u karozzelli bi żwiemal kbar u kuċċiera bil-kostum. Nagħmlu dawra madwar Zakopane u nżuru l-Knisja Moderna ddedikata lill-Madonna li hi rigal lill-Papa Gwanni Paolo II. Naraw djar u bini tal-injam tipiċi tal-post inżuru mużew żgħir tal-arti, min jixtieq jista jitla' bil-cable car (ħlas extra) biex jara veduta sabiħa tal-belt. Nirritornaw lura Krakow.





**12**
IL-JUM

MINN €
**1,200**
KULL PERSUNA

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI MĦALLSA

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,250 | €1,200 |
| Kamra żewġ persuni | €1,270 | €1,220 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,620 | €1,570 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €1,030 | €970 |

### PREZZ JINKLUDI

- Titjira mal Air Malta: Malta - Praga / Berlin - Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 3 iljieli - Hotel Adria 4* fiċ ċentru ta' Prague
- 5 t' iljieli - Hotel Puro 4* fiċ ċentru ta' Krakow
- 3 t' iljieli - Hotel Film 4* fiċ ċentru ta' Berlin
- Kmamar kollha bl-arja kkundizzjonata
- Buffet Breakfast kontinentali kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency protection

### IS-SIBT 23 TA' LULJU
Ġurnata mill-isbaħ fejn niskopru l-ġmiel ta' dawn il-postijiet marbutin mal-kbir Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II. Inżuru **is-Santwarju tal-Ħniena Divina** fejn hemm meqjuma Sor Fawstina, post ta' devozzjoni kbira, ftit il-barra minn **Krakow**, inkomplu triqitna fost ix-xenarju mill-isbaħ li jwassalna fuq l-għolja-**Kalvaria Zebrydowska**, il-post kollu huwa UNESCO World Heritage. Inżuru wkoll il-monasteru u s-Santwarju tal-Madonna Mirakoluża, dan kien wieħed mill-postijiet favoriti ta' Karol Woytyla. Il-qofol ta' din il-ġurnata għandha tkun il-waqfa ġewwa **Wadowice**, vilaġġ pittoresk fejn twieled il-Qaddis il-Papa Ġiovanni Paolo II. Fost l-iżjed postijiet ta' nteress, inżuru l-bażilika kif ukoll id-dar fejn twieled, li llum hija mużew. Nirritornaw lejn Krakow.

### IL-ĦADD 24 TA' LULJU
Wara li nieħdu buffet breakfast nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Berlin** ġewwa **l-Ġermanja**. Berlin hi l-belt kapitali tal-Ġermanja, hi belt sabiħa u mill-iżjed interessanti mal-wasla tagħna fil-Hotel Film 3star+. Issir is-sistemazzjoni tal-kmamar. Ċena u ħarġa mal-leader biex nibdew ingawdu din il-belt.

### IT-TNEJN 25 TA' LULJU
Skopri magħna l-belt ta' **Berlin**, **city tour** mill-iżjed interessanti fejn flimkien ma' gwida ta'lokal (English Speaking) tispjegalna l'istorja ta' dan il poplu li għal tant snin kien pajjiż maqsum bejn il-Lvant u l-Punent. Fost l-oħrajn naraw: Bradenburg Gate, Unter Der Linden, Reichtag, Museum Island, Berlin Opera, Berlin Wall Memorial, check point Charlie, Gendarmemmarket, Grosser tiergarten, Victory Column, Berlin Cathedral, Kaiser Wilhelm Memorial Church u Nikolai Quarters. Naraw ukoll il-Boulevard tant famuża Keurfustandamm mimlija stabbilmenti mill-isbaħ. Ikollna ħin għall-ikel (extra). Wara nżuru **Charlottenburg Palace** (ent. fee extra) u l-ġonna tiegħu. Wara nirritornaw lura l-hotel. Ċena fil- hotel

### IT-TLIETA 26 TA' LULJU
Wara l-buffet breakfast nitilqgħu bil-kowċ għal-aħħar excursion li ser teħodna **Potsdam**, ir-residenza tal-mexxejja Prusjani. Hawnhekk nistgħu nżuru **l-Palazz Sansoucci** (dħul extra). Insibu wkoll Park enormi u jkollna ħin biżżejjed biex ingawdu dawn il-ġonna sbieħ. Wara nżuru ċ-ċentru tal-belt ta' Potsdam – belt kbira fejn insibu mal-20 lag u jgħaddu minn ġo fiha 20 xmara. Wara nofsinnhar ħin liberu għax-shopping u Personal Sightseeing. Ċena fil- hotel u filgħaxija mmorru għal drink.

### L-ERBGĦA 27 TA' LULJU
Eskursjoni b' differenza għal **Spreewald**, waħda mill-isbaħ u l-aktar riservi naturali ppriservati fl-Ewropa. Hawnhekk nużaw id-dgħajjes biex nivjaġġaw minn naħa għall-oħra u ngawdu xenarju sabiħ u trankwill. Wara nibqgħu sejrin lejn l-ajruport ta' Berlin għat-titjira KM377 li ttir fil-19:35 u naslu lura Malta fis-22:25

